# Beati u Qaddisin....Lulju

**SANTA MARIJA ERMELLINA TA' GESU' U SHABA MARTRI TAC-CINA.**
**8 ta' Lulju**



Marija Ermellina ta' Ġesù kienet is-superjura ta' dan il-grupp ta' sorijiet. Il-familja taghha kienet wahda fqira. Biex taqla' xi flus li jistghu jservuha halli tilhaq l-ghan taghha li tidhol soru mal-Frangiskani Missjunarji ta' Marija f'Vannes, fi Franza hija kienet tghallem xi studenti.

Kienet is-sena 1894 li fiha halliet darha u sabet is-sejha taghha fl-Ordni tal-Frangiskani ta' Marija.

Il-karattru helu taghha ghenha biex ikollha relazzjoni tajba fost hutha s-sorijiet. Minghajr tlaqliq hija wiegbet iva meta l-madre superjura generali

sejhitilha biex tmur missjunarja fic-Cina. Fil-grupp li tieghu kienet gwida kien hemm sitt sorijiet ohra: Mary Adolphine, Olandiża; Maria Chiara , Taljana; Maria tal-Paċi, Taljana; Mary Amandine, Belġjana; Mary  St.Just, Franċiża; u Mary  St Nathalie imwielda Belle-Isle-in-Terre.

Marija Ermellina, flimkien mas-sorijiet taghha, kienu stazzjonati f'Tai-Yuen-Fou, ic-Cina. Dawn kienu jiehdu hsieb lin-nisa, lill-orfni, lill-morda u liz-zghazagh, bi mhabba kbira.

Il-grupp kien ilu fic-Cina ghal ftit aktar minn s-sena. Minkejja li kienu qed jaghmlu l-gid, l-ghedewwa taghhom maghrufa bhala l-Boxers, xehtuhom fil-habs fid-9 ta' Lulju 1900 u minn hemm hargu biss biex jinghataw il-martirju.

Xi hadd li kien f'dan il-habs u kien baqa' haj, qal li huma marru ghall-mewt ikantaw "Te Deum Laudamus – Lilek O Alla nfahhru."

Gew ikkanonizzati fl-1 ta' Ottubru, 2000, minn San Gwanni Pawlu II, Papa.